**NOMINA TAL-AMBAXXATUR RAYMOND SARSERO GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAS-SULTANAT TAL-OMAN**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

- X'taħseb li huma l-isfidi li għandu s-Sultanat tal-Oman? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar ambaxxatur?

Għalkemm wieħed jista jagħmel analiżi aktar profonda matul zjarat fl-Oman, jidher preliminarjament minn ricerka li kif msemmi fid-domument *'Oman Vision 2040'* fost l-isfidi li għandu l-Oman kif ukoll il-miri tal-pajjiż, wieħed isib edukazzjoni inklussiva li twassal għal soċjeta bbażata fuq l-għarfien, servizzi tas-saħħa ewlenin, ekonomija diversifikata bażata fuq it-teknoloġija, innovazzjoni, u settur privat dinamiku li jixpruna l-ekonomija.

Bħal pajjiżi oħra tal-Golf, l-Oman qiegħed jipprova jiddiversifika l-ekonomija biex ma tkunx dipendenti fuq iż-żejt. Il-prezz taż-żejt bħalissa qiegħed jgħin biex l-ekonomija tal-Oman tirkupra. F'dan ir-rigward, ekonomija soda u diversifikata toffri aktar possibilitajiet ta' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi. Għalhekk naħseb li dawn il-binarji jistgħu ikunu l-bażi tal-ħidma tiegħi speċjalment meta wieħed jara is-sinerġija u l-kompetenza ta' Malta f'dawn is-setturi.

Bażikament b'mod ġenerali wieħed ikun irid jesplora setturi, li huma kompattibli bejn iż-żewġ pajjiżi. Ta' min isemmi li minbarra dawn is-setturi naturalment wieħed irid jesplora kull possibilta' li tista tiġi identifikata fil-futur minn kuntatti aktar mill qrib fosthom matul żjarat u kuntatti politiċi u kummerċjali reċiproċi. Dawn l-iskambji jservu sabiex jiġi diskuss oqsma ta' koperazzjoni fejn Malta tista' tagħti kontribut għal viżjoni mfassla fid-dokument ta' miri strateġiċi *'Oman Vision 2040'*.

- Bħala Ambaxxatur mhux Residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn is-Sultanat tal-Oman u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

Effettivament dan huwa il-qofol tax-xogħol ta' Ambaxxatur, fis-sens li jesplora u jaħdem sabiex jissaħħu ir-rabtiet f'diversi setturi bejn iż-żewġ pajjiżi. Mal-rabtiet politiċi u soċjali nżid rabtiet ekonomiċi u kummerċjali. Fost l-isfidi nara li jista ikun hemm nuqqas ta' għarfien dwar il-possibilitajiet ta' kollaborazzjoni li joffru ż-żewg pajjiżi, forsi dovuta ukoll għad-distanza u n-nuqqas ta' kuntatti soċjali u żjarat bilaterali.

Nemmen li aktar skambji f' diversi setturi jġibu aktar tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi li ta' min jgħid diġa għandom bażi tajba b'relazzjoniet poltiċi tajbin bejn Malta u l-Oman kif ukoll fl-livell reġjonali permezz tas-sħubija tal-Oman fil-GCC. Ta' min isemmi ukoll l-ħidma tal-EU sabiex issaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-Golf u f'dan ir-rigward, Malta ukoll tista' tippromwovi aktar kuntatti bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Golf.

Minn esperjenza personali relazzjonijiet bilaterali jissaħħu b'aktar kuntatti fosthom kuntatti minn nies għan nies li huma importanti sabiex jinbena għarfien reċiproku li jwassal għal aktar rabtiet mill-qrib. Eżempju tajjeb ta' rabtiet bejn in-nies, huwa l-istudenti mill-Oman li jistudjaw f' Malta.

- X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu insibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u s-Sultanat tal-Oman? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Is-setturi ekonomiċi u kummerċjali għandhom rilevanza kbira bejn pajjiżi partikolarment fir-rigward tal Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej li issa għandu wkoll il-Kummerċ bħala parti mill-portafoll tiegħu. B'mod preliminarju jidher li n-niċeċ ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjizi jistgħu jinkludu l-loġistika, l-edukazzjoni, t-turiżmu, teknoloġija innovativa u *'cybersecurity'*. Dawn is-setturi jidher li joffru prospettivi ta' sinerġija li twassal għall-aktar koperazzjoni u skambji.

It-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali jiddependi minn għarfien ta' possibilitajiet u interessi komuni. Għalhekk nara li jkun hemm bżonn ta' żjarat kummerċjali miss-settur privat sabiex tinbena relazzjoni kummerċjali aktar soda. Ta' min isemmi li l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin hu impenjat sabiex jgħin lill-indjustrija Maltija tfittex swieq ġodda barra minn Malta. Dan il-punt huwa importanti meta wieħed iqis li wieħed mill l-strateġiji ta' direzzjoni tal-Oman fid-dokument *'Oman Vision 2040'* huwa ħidma sabiex tintlaħaq il-mira li jinħoloq settur privat dinamiku li jmexxi ekonomija nazzjonali kompettitiva u allinejata mal-ekonomija globali.

- Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

Nemmen li qafas wiesgħa ta' trattati huwa importanti sabiex titkattar il-koperazzjoni bilaterali u b'hekk jissaħħu ir-relazjonijiet diplomatiċi bejn iż-żewġ pajjiżi. Għalhekk f'dan ir-rigward, wieħed irid jara li t-trattati preżenti għandhom jitħaddmu b'mod l-aktar effettiv filwaqt li jiġu mistħarrġa oqsma ġodda oħra li fihom jistgħu jiġu miftiehma trattati bilaterali fosthom fl-oqsma ta' cybersecurity, turiżmu, teknoloġija tal-informatika, u l-edukazzjoni. Dan tal-aħħar joffri possibilitajiet ta' aktar żvilupp għax diġa hawn studenti mill-Oman jistudjaw fl-Universita' ta' Malta. Trattat ieħor li joffri potenzjal huwa dak dwar il-ħelsien mill-bżonn ta' viża li jkun jista jiffaċilita aktar kuntatti u żjarat bejn iż-żewġ pajjiżi.

- Kif tara li Malta u s-Sultanat tal-Oman jistgħu jikkollaboraw, possibilment anke fis-setturi tal-industrija u tas-servizzi? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok Bħala ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur?

Minn riċerka li tista' tiġi profondata bi żjarat fil-futur, jidher li hemm possibilitajiet ta' kollaborazzjoni anki fis-setturi tal-industrija u tas-servizzi. Titjib fl-ekonomija tal-Oman twassal ghal aktar possibilitajiet ta' kollaborazjoni bejn iż-żewġ pajjiżi. Fid-dawl ta' dan u sinerġiji komuni fosthom li ż-żewġ pajjiżi huma nazzjonijiet marittimi biswit rotot kummercjali importanti jagħti lok għal iktar kuntatti sabiex jitkattru ir-rabtiet bilaterali f'dawn is-setturi.

Ta' min ifakkar li Malta ilha ssegwi politika favur relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi aktar mill qrib mal-pajjiżi tal-Golf. F'dan il-kuntest, Il-Ministeru għall-Affarjiet Barranin u Ewropej u Kummerc jinsab impenjat biex jgħin lill esportaturi Maltin jiskopru u jidħlu fi swieq ġodda barra minn Malta. L-Oman jidher li għandu l-potenzjal ta' żvilupp fis-snin li gejjin. Ghaldaqstant Malta u l-Oman jistgħu jkabbru l-koperazzjoni ekonomika speċjalment

fl-industija tas-servizzi partikolarment fil-qasam marittimu bħal eżempju l-loġistika u r-reġistrazzjoni ta' vapuri.

Għal dawn ir-raġunijiet nara li hemm lok għal-ħidma bil-għan li jikbru ir-rabtiet f'dawn is-setturi. Wieħed mill-miri ta' ħidma ta' kull Ambaxxatur huwa li jħeġġeġ aktar kollaborazzjoni u kuntatti bejn il-pajjiż li jkun akkreditat u Malta. Kif għamilt fil-passat beħsiebni nkompli f'din il-ħidma jekk fil-futur ninħatar Ambaxxatur mhux residenti għall-Oman.

- Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

Servejt fil-Ministeru għall-Affarjiet Barranin mill-1978 sa Marzu 2023 u matul dawn il-45 sena ħdimt f-diversi direttorati kemm bilaterali u multilaterali. Fil-qasam bilaterali għal zmien twil kont responsabbli mir-reġjun MENA li jkopri pajjiżi tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq. Fil-ħidma fil-Ministeru ghall-Affarjijiet Barranin f'Malta servejt bħala membru tal-Awtorita' Nazzjonali ta' Malta għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar Armi Kimiċi. Servejt ukoll bhala r-rappreżentant tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin fil-Kunsill Malti ghall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD).

Fost l-Ambaxxati ta' Malta li fihom servejt  bħala diplomatiku kien hemm Washington, Tripli, u Ginevra. Fil-livell ta' Ambaxxatur residenti servejt f'Moska, Riyadh, u l-Kuwajt. L-Ambaxxata ta' Malta f'Riyadh kient tkopri ukoll il-Bahrejn, l-Qatar u l-Jemen, izda ma prreżentajtx kredenzjali f'dawn il-pajjiżi. Waqt li kont il-Kuwajt servejt ukoll bħala Ambaxxatur mhux residenti ghall-Ġordan, u f'dan il-każ ippreżentajt il-kredenzjali f'Amman.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Tista' tispjega x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

Ir-relazzjonijiet diplomatiċi bejn Malta u l-Oman huma tajbin u positivi iżda hemm lok ghal aktar kuntatti u kollaborazzjoni sabiex dawn ir-relazzjonijiet jissaħħu aktar. Żjarat politiċi u kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi jgħinu sabiex jigu identifikati oqsma ta' interessi komuni fejn iż-żewġ naħat jistgħu jipprofondixxu l-koperazzjoni bilaterali. Rabtiet aktar mill qrib jistgħu jwessgħu setturi ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi.

Il-konklużjoni ta' trattati bilaterali huwa aspett iehor li jikkontribwixxi ghal-tisħiħ fir-relazzjoniet kif ukoll aktar kuntatti bejn in-nies. Aktar sudenti mill-Oman jistudjaw f' Malta isaħħu dawn ir-rabtiet u jnisslu aktar għarfien dwar iż-żewġ pajjiżi u l-possibilitajiet li jeżistu ta' kollaborazzjoni. Il-qasam marittimu huwa ta' interess komuni mutwali fid-dawl tal-pożizzjoni ġeografika importanti taż-żewġ pajjiżi. Dan is-settur joffri possibilitajiet ta' aktar kollaborazzjoni f'loġistika u trasbord, u l-hekk imsejjħa ekonomija blu fost ohrajn.

Nemmen li r-relazzjonijiet tajbin li Malta dejjem kellha u għandha mal-pajjiżi tal-Golf għandhom iservu bħala pjattaforma sabiex jinbnew relazzjonijiet bilaterali aktar b'saħħithom mal-Oman.

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

Fl-opinjoni tiegħi naħseb li l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet huma in-nuqqas ta' għarfien dwar il-possibilitajiet li jeżistu fiż-żewġ naħat. Naħseb ukoll, kif semmejt aktar qabel, li hemm ħtiega ta' aktar żjarat kummercjali u politici. Fattur ieħor jista' jkun in-nuqqas ta' Ambaxxati residenti fiż-żewġ pajjiżi. Bħala sfida wieħed jista' jsemmi wkoll il-ħtieġa ta' viża li tfixxkel vjaġġar aktar faċli bejn iż-żewġ pajjiżi.

Nemmen li jeżisti l-potenzjal għal aktar kooperzjoni bilaterli, izda l-isfida ewlenija hi kif iż-żewġ naħat jikkoperaw sabiex jidentifikaw setturi ta' interess komuni. Fl-esperjenza tieghi, sfidi fir-relazzjonijiet jinqalgħu minn żmien għal żmien, iżda r-rieda politika twassal biex sfidi jingħelbu u kultant jinbidlu f'opportunitajiet ġodda. Ir-rieda politika teżisti, li hemm bżonn, kif nara jien, huwa li r-relazzjonijiet tajbin jissarfu f'kollaborazzjoni aktar profonda li twassal għal relazzjonijiet aktar mill-qrib u aktar sodi fl-interess taż-żewġ naħat.

3. Tista’ tispjega x’inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta’ pajjiżna?

Naħseb li Malta u l-Oman qegħdin fuq l-istess paġna fil-livell politiku u ekonomiku. Nara interessi komuni fis-sens tat-tradizzjoni marittima qawwija preżenti fiż-żewġ pajjiżi li jinsabu biswit rotot kummercjali marittimi importanti ħafna fir-reġjun rispettiv tagħhom.

Fuq livell politiku, wieħed jista' jgħid li ż-żewġ pajjiżi iħaddnu politika simili ta' ħbiberija ma' kullħadd, politika bilanċjata u affidabli, u twemmin fin-newtralita'. Fil-livell internazzjonali, ż-żewġ naħat jipprattikaw relazzjonijiet miftuħa u jemmnu fil-paċi, d-djalogu u l-medjazzjoni.

Jidher li hemm wkoll interessi komuni fil-miri ekonomiċi taż-żewġ pajjiżi fis-sens li skont id-dokument *'Oman Vision 2040'* fost l-isfidi u l-miri li għandu l-Oman, wieħed isib edukazzjoni inklussiva li twassal għal soċjeta bbażata fuq l-għarfien, servizzi tas-saħħa ewlenin, ekonomija diversifikata bbażata fuq it-teknoloġja, innovazzjoni, u settur privat dinamiku li jixpruna l-ekonomija. Fil-livell reġjonali, Malta tgawdi relazzjonijiet eċċellenti mal-GCC li tiegħu l-Oman huwa membru. Mill-lat tal-Unjoni Ewropea, Malta għandha interess ukoll li jkun hemm relazzjonijiet aktar profondi u komprensivi bejn l-EU u l-GCC u l-EU u l-Oman.

Fid-dawl ta' dawn il-fatturi simili, jidher li hemm sinerġija bejn Malta u l-Oman f'diversi livelli.

4. Tista’ tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta’ pajjiżna u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali f’dak il-pajjiż?

Ma nistax ngħid li żort l-Oman għalkemm matul dawn l-aħħar sitt snin li servejt bħal Ambaxxatur residenti fl-Arabja Sawdija u fil-Kuwajt kelli ħafna kuntatti ma' diplomatici mill-Oman kif ukoll ma ndividwi. M'għandix rabtiet jew investimenti kummerċjali fl-Oman**.**

5. Tista’ tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f’liema dipartiment/awtorità/entità?

Jien servejt għal-45 sena fil-Ministeru għall-Affarjiet Barranin, u kif semmejt, l-ahhar pożizzjoni kienet ta' Ambaxxatur residenti fil-Kuwajt u Ambaxxatur mhux residenti fil-Ġordan.

6. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

Tul il-karriera tieghi fis-Servizz Pubbliku ma kontx nifforma parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari.

7. Tista' tindika jekk kontx involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

Servejt fil-Ministeru għall-Affarjiet Barranin mill-1978 sa Marzu 2023 u matul dawn il-45 sena ħdimt f-diversi direttorati kemm bilaterali u multilaterali. Fil-qasam bilaterali għal żmien twil kont responsabbli mir-reġjun MENA li jkopri pajjiżi tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq. Fil-ħidma fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin f'Malta servejt bħala membru tal-Awtorita' Nazzjonali ta' Malta li timplimenta l-Konvenzjoni dwar Armi Kimiċi. Servejt ukoll bħala r-rappreżentant tal-Ministeru għall-Affarjijet Barranin fil-Kunsill Malti ghal-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD). Fost l-Ambaxxati ta' Malta li servejt fihom bħala diplomatiku kien hemm Washington, Tripli, u Ginevra. Fil-livell ta' Ambaxxatur residenti servejt f'Moska, Riyadh, u l-Kuwajt. L-Ambaxxata ta' Malta f'Riyadh kient tkopri ukoll il-Bahrejn, l-Qatar u l-Jemen, izda ma prreżentajtx kredenzjali f'dawn il-pajjiżi. Waqt li kont il-Kuwajt servejt ukoll bħala Ambaxxatur mhux residenti ghall-Ġordan, u f'dan il-każ ippreżentajt il-kredenzjali f'Amman.

8. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

Niddikjara li m'għandix kunfltti ta' interess f'din il-ħatra.

9. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport ta' pajjiż ieħor?

Niddikjara li m'għandix passaport ta' pajjiż ieħor.